**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 t' Awwissu 2023**

Rikors Numru: 97/12 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2193/2011)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi hija zzewget lil C B fit-tletin ta' Settembru,elfejn u hdax (30.09.2011) fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieha, liema zwieg gie registrat fir- Registru Pubbliku taMalta, bl-Att taz-Zwieg li jgib in-numru 267439 (Dok MM1);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-konjugi B ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet kien ilhom jghixu u jikkoabitaw għal madwar sbatax il-sena;

4. Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma’ ragel iehor u minn din ir-relazzjoni, kellha tifla li llum ghandha 20 sena u liema tifla ghexet fid-dar mal-partijiet sal-2009, meta l-intimat kellu xi jghid mat-tifla tal-esponenti tant li din kellha titlaq mid-dar t'ommha u tal- intimat u marret tghix ghand in-nanna materna;

5. Illi l-esponenti kienet waqat f'dipressjoni kbira u meta fis-sena 2011 l-intimat talabha u beda jinsisti maghha li huma kellhom jizzewgu, l-esponenti bezghat tghidlu le minhabba l-karattru possessiv tal-intimat u cediet ghat-talbiet tieghu;

6. Illi ftit granet wara z-zwieg, l-attitudni tal-intimat inbiddlet kompletament u sahansitra beda jsir aggressiv fil-konfonti tal-esponenti tant li f'okkazzjoni minnhom refa' idejh fuqha u bhala rizultat ta' din il-vjolenza l-esponenti giet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali u tmur toqghod m'ommha;

7. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lil intimat li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi u minacci fil-konfronti tal-esponenti;

8. Illi l-partijiet kienu xtraw flimkien propjeta gewwa l-Mellieha li ghal liema propjeta' hadu self mill-Bank of Valletta flimkien;

9. Illi għalkemm is-self kienu haduh f'isimhom it-tnejn, l-esponenti ghamlet l-ewwel ghaxar (10) snin thallas il-pagamenti hi personalment fi flus kontanti u kien biss fl-2005 li l-intimat beda jhallas dan is-self wara li qaleb l-istess self mal-HSBC;

10. Illi l-esponenti ghamlet hafna spejjez fil-post, hekk kif ser johrog car matul it-trattazzjoni tal-kawza, izda l-intimat illum qed jgħid li l-fond de quo huwa tieghu u l-ispejjez ghamilhom kollha hu;

11. Illi apparti l-ispejjez sabiex jigi rrangat l-fond, tul is-sbatax-il (17) sena flimkien l-intimat qatt ma ghadda flus lill-esponenti ghall-ispejjez odjerni ta' ikel jew hallas xi kontijiet u dawn kollha dejjem jithallsu mill-esponenti;

12. Illi l-intimat qed jippretendi li d-dar li xtraw flimkien qabel iz-zwieg kif ukoll l-oggetti kollha fiha li nxtraw mill-esponenti huma tieghu u

dan ghaliex skond hu ma tantx hemm rcevuti li juru verament minn hallas u għalhekk irid japprofitta ruhu minn din ic-cirkostanza;

13. Illi l-esponenti tixtieq tissepara ad mensa et thoro minn ma' l-intimat u konsegwentament isehh ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom kif ukoll id-divizjoni tal-assi parafernali peress li l-partijiet kienu jgħixu flimkien qabel izzewgu hekk kif spjegat aktar il fuq;

14. Illi l-esponenti tixtieq ukoll li jigi ddikjarat li bhala konsegwenza l-intimat iddekada mill- jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

15. Illi l-partijiet jiddekadu mill-manteniment peress li t-tnejn għandhom impjieg fis u minn dan iz-zwieg m'ghandhomx tfal.

16. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawn il-proceduri permezz tad- digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 9 ta' Marzu 2012 u numerat 408/12 kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument MM2;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex;

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi A u C B ghal ragunijiet imputabbli lil intimat.

2. Tittermina u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, u ghalhekk tgħaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni ta' l-akkwisti okkorrendo bil-hatra ta' nutar sabiex jippubblika l-att pubbliku.

3. Tillikwida u tiddividi l-assi parafernali tal-partijiet peress li l-partijiet kienu jgħixu ghal zmien twil flimkien qabel iz-zwieg.

4. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti s-sanzjonijiet stipulati fl-artiklu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan bhala konsegwenza tal-htijiet manifesti ta' l-intimat fit-tkissir ta’ dan iz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat a fol 20 li permezz taghha espona:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom respinti bl- ispejjez kontra l-istess attrici.

2. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni għal madwar sbatax-il sena qabel ma ddeciedu illi jizzewgu u fil-fatt huma izzewgu fit-30 taSettembru 2011.

3. Illi m'hu minnu assolutament xejn illi l-attrici b'xi mod giet mgieghla jew sfurzata mill-intimat biex tizzewweg, anzi kuntrarjament ghal dak li qed tallega hi, kienet hi stess li ghamlet pressure fuq l-intimat biex jizzewgu u dana mhux recentement izda ghal snin twal sabiex meta fl-ahhar accetta illi jizzewweg dina qabdet u telqet minn rajha mid-dar matrimonjali.

4. Illi l-esponenti dam sbatax-il sena ma' l-attrici, ossija circa tliet snin bhala gharajjes jgħixu ghal rashom u circa erbatax-il sena jghixu flimkien, kemm fid-dar t'omm l-attrici u kemm fid-dar in kwistjoni u cioe' X, Triq il-X, Mellieha. Illi għalhekk l-allegazzjoni tal-attrici illi b'xi mod giet mgieghla u/jew sfurzata biex tizzewweg huwa kompletament falz u dan stante illi l-attrici kienet taf lill-esponenti mill-A saz-Z u hi hadet id-decizjoni li tizzewweg unikament u cioe' minghajr l-ebda sforz da parti tal-esponenti.

5. Illi tant hu hekk illi meta l-intimat, xi sentejn qabel iz-zwieg kien iddecieda illi jhassar ir-relazzjoni, l-attrici qabditha paniku enormi, tant illi kienet dahlet il-familja kollha tieghu fil-problemi li kellhom sabiex huma jkellmuh bil-kelma it- tajba sabiex jibqa’ maggha! Izda issa qed tghid illi giet mcahhda mid-dar u li r-relazzjoni bejniethom tkisser irrimedjabbilment biss minhabba l-karattru tal-intimat meta hi kienet f'relazzjoni mal-intimat ghall-sbatax-il sena qabel ma zzewgu -u llum il-gurnata, li donna nesiet dawk is-snin kollha li ghamlet mal-intimat u biss biex tikseb is-separazzjoni kif trid hi, qed tipprova tqarraq b'din l-Qorti billi thgid illi l-karattru tal-intimat huwa wiehed abbuziv, possessiv u aggressiv! Illi kieku kien minnu, nahseb dawn

il-karatteristici kienu hargu ferm qabel iz-zwieg u mhux fl-erbgha u erbghin gurnata li l-partijiet damu mizzewgin.

6. Illi għalhekk l-attrici, minflok tipprova tippunta subghajha lejn l-esponenti, ahjar thares lejha nfisha, u ssaqsi lilha nfisha min fil-fatt ta lok ghas- separazzjoni, specjalment meta kienet hi li riedet tizzewweg wara li damet sbatax-il sena mal-intimat (u l-intimat accetta ghax kien inhobbha kif ghadu sal-lum), kienet hi li bierdet minn ma' l-intimat, kienet hi li f'erbgha u erbghin gurnata ta' zwieg qabdet hwejjigha u telqet; u għalhekk wiehed ma jistax hlief jistaqsi jekk kienx hemm skop ulterjuri ghall-mod kif qabdet u telqet biss wqara erbgha u erbghin gurnata wara it-tieg!

7. Illi l-intimat kien fil-fatt ghamel minn kollox biex jipprova jissalva z-zwieg taghhom izda dana kollu ghalxejn.

8. Illi inoltre, m'huwa minnu xejn illi tal-attrici, liema tifla trabbiet mal-intimat peress illi kellha biss tliet snin meta il-partijiet bdew johorgu flimkien u lanqas biss kienet taf min hu missierha, giet mkeccija mid-dar ta' ommha u tal-intimat mill-intimat stess u dan stante illi l-intimat kien iqiesha bhala t-tifla tieghu. Illi fil-fatt l-intimat dejjem gab ruhu bhala missier mat-tifla tal-attrici.

9. Illi qabel ma zzewgu, l-intimat kien inkoragixxa lill-attrici biex tibda tahdem mal-arriva u fil-fatt hekk ghamlet. Illi l-problemi bdew minn hemm il ghaliex l-intimat beda jxomm xi haga tintenn stante illi kienet qed tqatta' hafna hin barra mid-dar, u cioe' anke wara li tispicca mix-shift taghha; ma kienet qed taghti l-ebda importanza lir-ragel taghha, lanqas biss issajjar u kienet mohha biss fl-Arriva u l-hbieb li ghandha fuq ix-xoghol.

10. Illi l-intimat hass dan in-nuqqas ta' mhabba u kull darba li pprova jitkellem maghha biex forsi l-affarijiet jinbidlu, ossija illi jerghu lura għal dak li kienu qabel li zzewgu, kienet ggib mijiet taskuzi biex tevita diskussjonijiet u lanqas biss tirrikonoxxi l-presenza tieghu.

11. Illi l-fatt hu li l-attrici, wara relazzjoni ta' sbatax-il sena, f'liema snin baqghet mieghu bl-intendiment li xi darba jizzewgu, kif ser jigi pruvat ampjament waqt it-trattazzjoni, issa qed tghid illi l-intimat ossija l-karattru tieghu, ta lok ghas-separazzjoni. Illi il-fatti kif ser jizvolgu waqt it-trattazzjoni u l-fatti kif qed tghidhom hi, huma kompletament

konfliggenti 'l ghaliex l-attrici kienet taf ezatament lil min kien bi hsiebha li tizzewweg, tant illi kienet anke marret biex taghmel l-ezami mal-Kapillan qabel iz-zwieg (kif jaghmel kulhadd) u qatt ma semmiet kemm lill-Kapillan u kemm lill-intimat, illi kellha xi dubbji fiz-zwieg, anzi kienet hi li ghazlet id-data, nonstante l-biza li allegament kellha mill-intimat.

12. Illi inoltre m'hu minnu xejn illi l-attrici ghamlet hafna spejjez fil-post, kif qed tallega hi, u dan stante illi x-xogholijiet li saru fl-istess post kienu spejjez akarigu tal-istess intimat, u dana kif ser johrog car waqt it-trattzzjoni ta' din il- kawza u għalhekk jehtieg illi l-esponenti jigi rifuz l-ispejjez kollha li nkorra biex jirranga u jsebbah id-dar in kwistjoni.

13. Illi inoltre, il-komunjoni tal-akkwisti ma jifha l-ebda beni, hlief għad-dejn li halliet warajha l-intaima, ossija kontijiet tad-dawl u l-elettriku li għandha thallas nofshom, kontijiet tat-television u kontijiet tat-telephone, u dan stante illi l-affarijiet kollha nxtraw qabel iz-zwieg.

14. Illi matul is-sbatax-il sena tar-relazzjoni bejn il-partijiet, l-initmat hallas il- maggor parti tal-loan tad-dar, kuntratjament ghal dak li qed tallega l-attrici, li qalet illi "ghamlet l-ewwel ghaxar snin thallas pagamenti hi personalment" u dan kif ser johrog car mill-provi li ser jitressqu iktar 'il quddiem; kif ukoll kompla jhallas l-istess loan mis-sena 2005 meta il-loan li kellhom fuq id-dar mal-bank tal-BOV inqelbet ghal fuq l-HSBC, liema fatt ma giex ikkontestat mill-attrici. Illi mis-sena 2005 kien l-intimat biss li hallas il-loan tad-dar u dana permezz tastanding order li kellu mal-bank HSBC plc, kif inoltre ser jigi ppruvat waqt il-gbir tal-provi.

15. Illi kif jista' jkun persuna li ma tahdimx jew ahjar li bdiet tahdem biss ftit qabel li zzewget thallas loan tad-dar u thallas ukoll ghall-ghexien taghha u tat-tifla taghha meta kull ma kien qed tircievi kienu l-beneficcji socjali mill-gvern?

16. Illi l-esponenti m'għandu l-ebda oggezzjoni illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta, bhal ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi l-assi parafernali tieghu jigu assenjati lilu hekk skond il-Ligi

Salv eccezzonijet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Rat in-nota ta' ċessjoni ta' A B tal-11 ta; Lulju 2023 li permezz tagħha ċediet it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet u għaldaqstant il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet u r-raba` talbiet li ġew ċeduti;

Il-Qorti, rat sussegwentement ir-rikors konġunt ippreżentat miż-żewġ partijiet A B u C B tas-7 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu ntqal li dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 66(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ghalhekk qed jitolba sabiex l-ewwel talba fir-rikors promotur fil-kawza Rikors Guramentat numru 97/2012 AL fl-ismijiet AB u CB tiġi konvertita f'talba ta' Divorzju u dana peress li l-partijiet waslu għall-ftehim bonarju fir-rigward tas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li ġie ppubblikat fis-27 ta' Gunju 2023.

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom *de facto* separati sa mis-sena 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa'l-ewwel talba tar-rikors ġuramentat numru 97/2012 AL u tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.